MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH R. MICALLEF

Seduta tal-11 ta' Mejju, 2006

Citazzjoni Numru. 219/2006

**ATTARD & CO. (FOODSTUFFS) LTD.**

**vs**

**JOSEPH BORG**

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors ġuramentat imressaq fis-17 ta' Marzu, 2006, bil-proċedura sommarja speċjali li bih is-soċjeta' attriċi wara li ppremettiet;

1. Illi l-konvenut huwa debitur tas-soċjeta' attriċi fis-somma ta' għaxart elef, seba' mija u erbgħa u disgħin Lira u tmienja u erbgħin ċenteżmu (Lm10,794.48) rappreżentanti bilanċ ta' prezz ta' prodotti ta' foodstuffs mibjugħa u konsenjati lill-konvenut mis-soċjeta' attriċi;

2. Illi għalkemm ġie interpellat diversi drabi biex iħallas dan l-ammont, il-konvenut baqa' inadempjenti;

3. Illi dan id-debitu huwa ċert, likwidu u dovut u s-soċjetajiet konvenuti m'għandhomx eċċezzjonijiet validi xi jressqu;

4. Illi d-dikjaranti jaf b'dawn il-fatti personalment;

5. Illi għalhekk kellha ssir din il-kawża;

Għaldaqstant is-soċjeta' attriċi talbet lil din l-Onorabbli Qorti, għaliex m'għandhiex għal dawn ir-raġunijiet premessi:

1. Tiddeċiedi l-kawża bid-dispensa tas-smiegħ għat-tenur ta' l-Art. 167 tal-Kap. XII tal-Liġijiet ta' Malta

2. Tikkundanna lill-konvenut iħallas is-somma ta' għaxart elef, seba' mija u erbgħa u disgħin Lira u tmienja u erbgħin ċenteżmu (Lm10,794.48) għar-raġunijiet premessi.

Bl-ispejjeż inklużi dawk tal-mandat ta' qbid u sekwestru kawtelatorji 371/06 u 372/06 rispettivament u bl-interessi mid-data tal-fattura kontra l-konvenut li minn issa hu nġunt għas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni w in-nota tax-xhieda tas-soċjeta' attriċi;

Semgħet l-istqarrija tal-konvenut waqt is-smigħ tal-lum li biha ammetta it-talba kif dedotta fir-Rikors;

Billi mill-ammissjoni tal-konvenut, it-talba dedotta fir-Rikors tirriżulta pruvata.

Fuq ammissjoni tal-konvenut tiddeċiedi billi tilqa' t-talbiet tas-soċjeta' attriċi kif dedotti fir-Rikors bl-ispejjeż kontra l-konvenut.

**Moqrija**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------